



# Meta "Il-Kardinal tal-Ħaddiema" żar iż-Żejtun



*Charles Buttigieg*

Wieħed mill-persunaġġi barranin ta' fama internazzjonali li qatt żaru ż-Żejtun ċertament kien Mons. Joseph Cardijn, il-Fundatur tal-Moviment taż-Żgħażagħ Ħaddiema Nsara (ŻĦN), li wara sar Kardinal u fl-2014 beda l-proċess għall-kawża tal-beatifikazzjoni u kanonizzazzjoni tiegħu.

Mons. Cardijn, li kiseb il-fama ta' "Il-Kardinal tal-Ħaddiema", ġie Malta fl-1961, meta ż-ŻĦN ta' Malta u l-Arċisqof Mikiel Gonzi stednuh għaċ-ċelebrazzjoni tal-Festa ta' San Ġużepp Ħaddiem, fl-1 ta' Mejju, fuq Il-Fosos tal-Furjana.

Meta wasal Malta, fil-jum tal-Ħadd filgħodu, 30 ta' April, 1961, fl-ajruport saritlu laqgħa kbira. Mill-ajruport, beda triqtu lejn il-Palazz tal-Arċisqof, fil-Belt, biex jiltaqa' ma' Mons. Arċisqof Mikiel Gonzi. Fil-karozza, kien hemm miegħu l-Prof. Dun Renato Cirillo, Kappillan Nazzjonali taż-ŻĦN, u s-Sur Piju Spiteri, President Nazzjonali taż-ŻĦN. Jakkompanjawhom kien hemm numru kbir ta' nies fuq muturi u f'karozzi.

Mons. Cardijn għadda minn Ħaħal Ġdid u mill-Ħamrun, fejn il-Kappillani ta' dawn il-parroċċi offrewlu bukketti ta' fjuri. Fit-triq prinċipali tal-Belt, imbagħad, li dak iż-żmien kienet għadha magħrufa bħala Triq Irjali, saritlu dimostrazzjoni kbira.

Attivista taż-ŻĦN li dik il-għodwa segwa kollox, irrakkontali l-ġrajja hekk: "Filgħodu tlaqna għal Ħal Luqa. Għajjatna, kantajna, qbiżna bil-ferħ meta rajna l-maħbub tagħna joħroġ ferħan u żvelt mill-*Viscount* (l-ajruplan li wasslu Malta) fix-xemx sabiħa ta' filgħodu. U rajnieh jgħajjat, ikanta, jifraħ magħna."

It-Tnejn filgħodu, l-1 ta' Mejju, Mons. Cardijn inawgura uffiċjalment iċ-ċentru ġdid tal-fergħa taż-ŻĦN fi Triq San Pawl, il-Belt Valletta.

Wara, Mons. Cardijn żar iż-Żejtun fejn inawgura ċ-Ċentru Żejtuni taż-ŻĦN, li dak iż-żmien kien fi proprjetà fi Triq Santa Katerina, ftit 'l isfel mill-Knisja tal-Ispirtu s-Santu (knisja li nbniet fl-1688 u mitt sena wara ngħatatilha faċċata ġdida). Fiż-Żejtun, bħal kull fejn mar, Mons. Cardijn ingħata merħba kbira u mimlija entużjażmu. L-atmosfera fiż-Żejtun kienet immarkata wkoll mill-fatt li, fil-lejl ta' bejn il-Ħadd u t-Tnejn, il-faċċata taċ-Ċentru ġiet imċappsa biż-żift.

Iż-ŻĦN taż-Żejtun damu joperaw f'dan il-lokal tliet snin. Fl-1965, imbagħad, huma inawguraw Dar ġdida tagħhom, mibnija minnhom stess, fil-Misraħ tal-Knisja Parrokkjali taż-Żejtun. F'artiklu li deher fil-ġurnal ta' kuljum *Il-Ħaddiem* tal-Ħamis, 16 ta' Diċembru, 1965, Dun Angelo Seychell, li kien iċ-*Chaplain* tal-fergħa tal-ġuvintur taż-ŻĦN fiż-Żejtun, kiteb hekk:

"Iż-Żgħażagħ Ħaddiema Nsara Ġuvintur taż-Żejtun nhar il-Ħadd (19 ta' Diċembru, 1965) se jinawguraw id-Dar tagħhom fil-Pjazza prinċipali tar-raħal tagħhom. Dar bi tliet sulari, proprjetà tagħhom, mibnija fil-veru sens tal-kelma bil-għaraq ta' ġbinhom u bil-ġenerożità tan-nies taż-Żejtun.

"Din l-inawgurazzjoni hija mimlija tifsir. Turi x'kapaċi jagħmlu ż-żgħażagħ tal-lum għal kawża tajba. U turi kemm hu lest il-poplu biex jgħin meta jsib min ifiehmu u jedukah dwar liema huma l-bżonnijiet tal-Knisja fi żminijietna. "Ħafna huma dawk li jiftakru fil-merħba kbira li kellu l-Kardinal Cardijn meta fl-1961 ġie ż-Żejtun biex jinawgura l-lokal taż-ŻĦN f'parti oħra tar-raħal. Dak kien f'Mejju 1961. F'April 1964, dawn iż-żgħażagħ sabu rwieħhom barra minn dan il-post.

"Kien dan il-fatt li ġagħalhom jiddeċiedu li hemm bżonn darba għal dejjem li jkollhom post li jkun tassew tagħhom... U l-Providenza ħasbitilhom post fl-istess Pjazza taż-Żejtun." L-ewwel ġebla tad-Dar tqiegħdet fit-22 ta' Awwissu, 1964.



*Mons. Joseph Cardijn*





Ħmistax-il xahar wara, id-Dar ġiet inawgurata mill-Isqof Emmanuel Galea, li kien jgħix fl-Istitut Ġesù Nazzarenu taż-Żejtun u li fil-jum ta' qabel (18 ta' Diċembru, 1965) kien għalaq 50 sena saċerdot.

**Ċelebrazzjoni fuq Il-Fosos**

Fl-istess jum tal-1 ta' Mejju li fih inawgura ċ-Ċentru taż-ŻĦN fiż-Żejtun, waranofsinhar, Mons. Cardijn kien milqugħ bil-kbir fuq Il-Fosos tal-Furjana. Fl-indirizz tiegħu, Mons. Cardijn feraħ lil Malta għall-għadd kbir ta' ħaddiema u ta' żgħażagħ li kien hemm preżenti għaċ-ċelebrazzjoni tal-festa ta' San Ġużepp Ħaddiem. Huwa qal li d-dinja kollha kienet qed tirrikonoxxi l-importanza u l-ħtieġa tax-xogħol, li ma kienx diżunur, iżda privileġġ u kollaborazzjoni tal-bniedem ma' Alla.

Mingħajr ix-xogħol, spjega Mons. Cardijn, la jkun hemm knejjes, la universitajiet, la skejjel u lanqas ikel. Mons. Cardijn tkellem ukoll dwar il-qrubija tal-Knisja mal-ħaddiema. Huwa qal li jkun iblah min jgħid li l-Knisja hija kontra l-ħaddiema. Kieku kien hekk, il-Knisja kienet tkun kontra Kristu, kontra l-appostli u kontra eluf ta' isqfijiet illi kienu kollha ħaddiema.

"Jien għext ħajti kollha naħdem biex insolvi l-problemi tal-ħaddiema. Ta' kważi tmenin sena, għadni nħossni żagħżugħ, għaliex inħobb il-ħaddiema. Jien iben ħaddiem fqir. Jien kburi bil-ġenituri tiegħi ħaddiema. Meta kien qed imut missieri, 50 sena ilu, jien ħlift li nagħti ħajti biex ngħin il-ħaddiema. Il-Knisja trid tgħin lit-tfal u liż-żgħażagħ ħalli jkunu *leaders* fid-dinja tal-ħaddiema," qal Mons. Cardijn.

Il-fundatur taż-ŻĦN għalaq l-indirizz tiegħu billi ħeġġeġ għall-għaqda tal-ħaddiema u t-tħabrik biex il-ħaddiema jkunu mgħejjunin fil-ħtiġiet tagħhom. Fiż-żjara tiegħu f'Malta, Mons. Cardijn kellu wkoll laqgħa mal-membri taż-ŻĦN fit-Teatru San Remo, fil-Ħamrun. Ġimgħa wara, il-Ħadd, 7 ta' Mejju, 1961, l-Għaqdiet Reliġjużi taż-Żejtun organizzaw *rally* għaż-żgħażagħ fit-Teatru Pandora, dwar "Il-Ħajja tal-Għaqdiet fil-Parroċċa".

**"Malta, Malta"**

L-għożża tal-Kardinal Cardijn għal Malta kienet minn ferm qabel ma żar il-gżira, fl-1961. Dun Benny Tonna, f'diskors li għamel bħala *Chaplain* Nazzjonali taż-ŻĦN waqt *rally* tal-Moviment li sar fl-Istitut Kattoliku fit-28 ta' Marzu, 1965, qal li kien hemm okkażjoni fejn fuq talba tal-Kunsill Nazzjonali taż-ŻĦN f'Malta huwa mar ikellem lil Romeo Majone, dak iż-żmien President Internazzjonali taż-ŻĦN, biex jistiednu jiġi Malta għall-okkażjoni tal-1 ta' Mejju.

"Mort sibtu fil-Kwartier Internazzjonali taż-ŻĦN," qal Dun Benny. "Feraħ bl-istedina, imma beda jlaqlaqli. Meta insistejt, qalli: 'Ejja mmorru għand Cardijn'. Dħalna f'uffiċċju. Ġejt wiċċ imbwiċċ ma' qassis imħabbat, xiħ, imma mimli saħħa u qawwa. Romeo introduċieni. Cardijn beda jgħajjat bil-ferħ: 'Malta, Malta. Għannaqni miegħu. Is-suduzzjoni li kelli għalih għebet, għax kont sibt ħabib. Lil Romeo qallu: 'Mur, mur." Dak ftit kien ried u f'kemm ili ngħid, irranġajna. Jien bqajt mgħaġġeb nistudja lil Cardijn."

Dun Benny reġa' ltaqa' ma' Mons. Cardijn fl-1961, meta ġie Malta. Iltaqa' miegħu fid-dar ta' Dun Ġwann Dimech, fejn qagħad meta kien f'Malta. Dak iż-żmien, Dun Benny kien iċ-*Chaplain* tas-Sezzjoni taż-ŻĦN tar-Rabat, li kien beda hu stess ħames snin qabel.

Laqgħa oħra, it-tielet waħda, li Dun Benny kellu mal-Kardinal Cardijn kienet f'Ruma waqt it-Tielet Sessjoni tal-Konċilju Vatikan II. Il-Kardinal Cardijn għanqu miegħu. "Qalli biex noqgħod bilqiegħda. Hu baqa' bilwieqfa, mimli enerġija. Jitkellem, jippassiġġa u b'dawk għajnejh żoroq u safja, b'dak il-wiċċ deċiż, xagħru abjad u dritt, b'dawk il-ġesti kbar ta' jdejh, jgħidli bi kliem riżolut kemm iħobb liż-żgħażagħ Maltin."

**Moviment li nfirex mad-dinja**

L-ewwel kungress tal-Moviment Żgħażagħ Ħaddiema Nsara sar fil-Belġju, fejn beda, fl-1925. Il-moviment beda jiġbed l-attenzjoni ta' żgħażagħ ħaddiema f'diversi pajjiżi. L-ewwel kungress tal-moviment barra l-Belġju sar fl-1927, fi Franza. Fl-1945, twieled ukoll f'Malta, bl-inizjattiva ta' Patri Mikiel Galea S.J.

Ir-riħ taż-ŻĦN mexa sal-punt li nħass il-bżonn li ssir attività internazzjonali li tlaqqa' r-rappreżentanti tal-fergħat diversi tal-Moviment. Ġie deċiż li jsir *rally* f'Ruma li, f'Awwissu 1957, saret id-dar temporanja ta' 32,000 żgħażagħ ħaddiema minn 80 pajjiż. Kienet manifestazzjoni mimlija enerġija u ferħ żagħżugħ u wkoll esperjenza spiritwali. Wara r-rally iltaqa' l-ewwel kunsill taż-ŻĦN Internazzjonali, b'kostituzzjoni approvata mis-Santa Sede. Fil-21 ta' Frar, 1965, Fr Cardijn ġie kkonsagrat isqof mill-Kardinal Joseph Suenens. Il-motto li għażel kien, *Evangelizare pauperibus* - Evanġelizzazzjoni tal-fqar. L-għada, 22 ta' Frar, il-Papa Pawlu VI innominah ukoll Kardinal.

Fl-aħħar ktieb tiegħu, Cardijn stqarr li l-Moviment hu mibni fuq il-konvinzjoni li kull ħaddiem, hu min hu, għandu missjoni personali fdata lilu minn Alla, biex iħeġġeġ lil sħabu ma' Alla.

Il-Kardinal Joseph Cardijn, li twieled f'Sehaerbeck, distrett ta' Brussell, fil-Belġju, fit-13 ta' Novembru, 1882, miet fl-24 ta' Lulju, 1967, fl-età ta' 84 sena, fil-Belġju wkoll. Huwa ġie midfun fil-Knisja tal-Madonna, f'Laeken.